MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 88/2005

**P V**
**vs**
**C V**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fs-17 ta' Ottubru 1986, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt-it tfal, W V u Z V, li fil-mument tal-prezentata tac-citazzjoni, kellhom 17 u 14 il-sena, rispettivament; li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m' ghadhiex aktar possibbli ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut, u senjatament, adulterju, eccessi, mohqrija u ngurji gravi, u in subsidium ghax iz-zwieg tkisser irrevokabbilment; li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni skond il-ligi sabiex tipprezenta l-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bi htija tal-konvenut; [2] tafda l-kura u kustodja

tal-minuri f' idejn l-attrici; [3] tordna li l-konvenut ihallas manteniment lill-attrici, ghaliha u ghall-ulied minuri; [4] tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta' l-artikolu 48 Kap.16; [5] ixxolji, tillikwida u tassenja bejn il-partijiet il-kommunjoni ta' l-akkwisti; [6] tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircevi l-att opportun; [7] tordna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-hwejjeg dotali u parafernali taghha; [8] tawtorizza r-registrazzjoni tas-sentenza; bl-ispejjez;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut: [1] iddikjara li, filwaqt li jaqbel li z-zwieg bejniethom tkisser irrevokabbilment, sostna li dan hu mputabbli unikament lill-attrici in bazi ghall-istess ragunijiet imressqa minnha fil-konfront tal-konvneut; [2] li l-attrici ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment minghandu, filwaqt li l-manteniment tal-minuri ghandu jkun xieraq u ragjonevoli;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Rat ir-rapport tekniku tal-Perit Mario Cassar;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottoressa Anna Mallia;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll, sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jikkonstesta l-htija ghall-firda, u qed jimputaha esklussivament lill-attrici.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta provat li l-partijiet izzewwgu fis-17 ta' Ottubru 1986, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt-it tfal li llum huma maggjorenni. Li fl-4 ta' April 2004 l-attrici

telqet mid-dar konjugali flimkien mat-tfal, u dawn marru jghixu ghal xi xhur go garage misluf lilha minn familjari taghha. Eventwalment, l-attric sabet post bil-kera u t-tfal baqghu jghixu maghha.

Mill-provi rrizulta li, wara s-separazzjoni l-attrici dahlet f' relazzjoni adulteruza ma' ragel iehor.

Illi l-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali fis-sens li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u l-hajja konjugali bejniethom m' ghadhiex aktar possibbli, u li ghal dan jahtu z-zewg partijiet;  izda din il-Qorti hi tal-fehema li l-htija ma tistax tigi attribwita wgwalment lill-partijiet; izda, filwaqt li l-htija primarja tirrisjedi fuq il-konvenut, il-htija sekondarja tirrisjedi fuq l-attrici.

Mill-provi jirrizulta ghas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti li, matul il-konvivenza matrimonjali, il-konvenut, ghalkemm kien jahdem hafna ghall-familja, hu kien jerfa' idjeh fuq l-attrici, allura martu, u kien jkkomporta ruhhu b' mod abbuziv verbalment, kemm fil-konfront taghha kif ukoll fil-konfront tat-tifla.

L-attrici, minn naha taghha kienet tipprova teskludi lill-konvenut mill-hajja konjugali, u anke tipprova talljena lit-tfal minnu u ma thallihomx imorru ghand il-genituri tieghu. Dan kompla jeskla l-inkwiet, tant li fl-okkazzjoni ta' l-4 ta' April 2004, l-attrici kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali flimkien mat-tfal, u marret tghix ghal ftit xhur go garaxx.

Illi, wara zi zmien mis-separazzjoni de facto, l-attrici dahlet f' relazzjoni ma' certu Joe Meli. Hi tammetti f' Settembru tas-sena 2005 kienet marret mieghu erbat-ijiem Londra fejn qadu fl-istess lukanda u fl-istess kamra.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment kemm minhabba komportament abbuziv da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu, u eventwalment anke fil-konfront tat-tifla taghhom, liema komportament jikkwalifika bhala 'sevizzi' stante li, abitwali u ripetut, irrenda l-konvivenza matrimonjali insapportabbli ghall-attrici; kif ukoll, minhabba l-

komportament abbuziv da parti ta’ l-attrici li tul il-konvivenza kienet tagixxi b’ mod li tipprova taljena lil ulied il-partijiet minn missierhom, liema fatt ukoll, ripetut u abitwali, jikkwalifika bhala ‘sevizzi’; illi inoltre, l-konvenuta, wara s-separazzjoni de facto, rrendiet ruhha hatja ta’ adulterju.

Il-htija ghas-separazzjoni qed tigi attribwita in kwantu ghal zewg [2/3] terzi lill-attur u terz [1/3]lill-konvenuta.

**Kura u Kustodja**
Illum iz-zewgt-it tfal tal-partijiet huma maggjorenni, u ghalhekk dan il-kap jinsab sorvolat bit-trapass taz-zmien.

**Mantenimnet**
Illi fit-3 ta’ Novembru 2004 il-Qorti kienet ordnat li pendente lite il-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma settimanali ta’ LM30, u s-somma ta’ LM10 bhala manteniment ghat-tifel Z li f’ dak iz-zmien kien ghadu minorenni.

Illi l-attrici tghid li l-konvenut ma kienx ihallasha l-manteniment, hlief meta kien ikun kostrett mill-Qorti. Fl-20 ta’ Ottubru hija prezentat prospett guramentat indikanti l-arretrati ta’ manteniment li ghadhom dovuti mill-konvenut.

In popozitu l-Qorti tosserva li, peress li mill-provi jirrizulta li l-attrici kienet dahhlet f’ relazzjoni adulterjuza li kienet tezisti fic-cert f’ Settembru 2005 meta hi kienet marret mal-habiba taghha Londra fejn qadu fl-istess kamra fl-istess Lukanda, din il-Qorti tikkunsidra li l-attrici ddekadiet mid-dritt li tippercepixxi manteniment minghand il-konvenut mit-3 ta’ Settembru 2005 ‘il quddiem.

Ghalhekk l-ammont ta’ manteniment arretrat dovut lill-attrici huwa ta’ €3,028 [ekwivalenti ghal LM1,300][1], nieqes l-ammonti li diga’ gew imhallsa minn meta nghata d-digriet precitat.

[1] 52x30/12x10

Illi l-ammont dovut lill-attrici bhala manteniment ghat-tifel Z li sar maggjorenni fit-12 ta' Jannar 2009 huwa ta' €5,078 [ ekwivalenti ghal LM2,180][2] – nieqes l-ammonti li diga' gew imhallsa minn meta mghatga d-digriet precitat.

Ghalhekk il-konvenut qed jigi ordnat li jaghti lill-attrici bhala arretrati ta' manteniment dovut lilha ghaliha u ghall-minuri Z, is-somma ta' €8,106 [ekwivalenti ghal LM3,480] – nieqes l-ammonti diga' mhallsa kif fuq indikat.

**Kommunjoni ta' l-Akkwisti - Parafernali**

In propozitu l-Qorti taghmel referenza ghar-rapport tal-abbli perit legali, u senjatament ghal-pagni numri 11 sa 15, u taddotta l-kontenut taghhom b' mod li jitqiesu bhala formanti parti mill-gudizzju odjern, u li kopja ta' l-istess qeda tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma parti minnha. [Appendici A][3]

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, primarjament bi htija tal-konvenut, u sekondarjament bi htija ta' l-attrici;

[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li t-tfal illum huma maggjorenni;

[3] tilqa' t-tielet talba limitatament u fit-termini ta' dak ordnat u stabbilit fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';

[4] tilqa' r-raba' talba fis-sens li tordna l-applikazzjoni ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16, fil-konfront taz-zewg partijet;

[5] tilqa' il-hames talba fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni 'Kommunjoni ta' l-Akkwisti';

[6] tichad is-sitt talba, stante li hi superfluwa;

[7] tilqa' is-seba' talba fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni 'Kommunjoni ta' l-Akkwisti';

[8] tilqa' it-tmien talba;

L-ispejjez jigu sopportati bejn iz-zewg partijiet konguntament, fi kwota ta' zewg terzi [2/3] mill-konvenut, filwaqt li r-rimanenti terz [1/3] tibqa' a kariku ta' l-attrici.

[2] [52x4] + [2x4] +[1]

[3] Vol.2 – Fol.s 436 - 440

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------